Mari, għax fuq kollox dak li qalet din kien minnu.

Mari ħasset ruħha mkabbra għax qatt ma sabet min jaqbel magħha hekk bħal Karmnu, u:

"Ma kellux fejn jidħol Waħx il-Baqar," qalet, "mur obsor li kellu jiġi għandek, Karm!"

"X'inhu! Waħx il-Baqar; għandi?" għajjat Karmnu b'għajnejh imqabbża xiber 'il barra. "Waħx sabiħ. Aħjar li kien il-Waħx għax ma kontx nitħabat daqshekk żgur!"

"Mela xi ġralek, Karm?" staqsa Grezzju, għax dak il-kliem ta' Karmnu iżjed qajjem kurżità.

"Xi ġrali eh? Dik l-imgħarrqa ta' baqra għamlitħieli. Il-bieraħ fil-għaxija nsejt nitma' l-baqar u meta ftakart kienu xi l-ħdax ta' bil-lejl. Pattitħieli talli dewwimtha ftit bil-ġuħ. Kif ftaħt il-maqjel bdiet togħla kemm tiflaħ u bi qrunha qabditli l-barmil tal-ful. Telqet tiġri lejn il-bieb li b'daqqa ta' ras fetħitu beraħ. Ma kienx biżżejjed, taf; baqgħet ħierġa 'l barra tiġri fit-toroq... u jien?.., miskin jien, niġri warajha biex naqbadha."

Kulħadd baqa' ssummat iħares, u allaħares ma kienx Grezzju biex kiser dak is-skiet.

"Ha, ħaj," instama' l-furnar jidħak, "mur obsor, Mari, li l-baqra li rajt int kienet ta' Karmnu u hu jiġri warajha!"

Kulħadd infexx jidħak kemm jiflaħ, minbarra Karmnu, li ħass id-demm tiela' għal rasu u bla kliem u bla sliem telaq 'il barra jgħaġġel kemm jiflaħ.

Hadd ma qal kelma oħra, u jien malajr ndunajt għalfejn bdew iħarsu lejja. Ma kienx hemm għalfejn jgħiduli biex ngħanni għax qabel ħriġt fajjart waħda tas-soltu:

Rajtu ftit dan Waħx il-Baqar
Kemm jagħmel affarijiet
Iżda intom aktar minnu
Għax temmnu fil-ħmerijiet.

Ġanni l-għannej waqaf għal ftit u, wara li tafa' ħarsa fuq kull min kien hemm fil-ħanut, kompla:

U issa ngħid kelma jien lilkom:
Waħx il-Baqar ħalluh kwiet
Għaliex jekk issemmu lilu
Tkunu tgħidu l-ħmerijiet.

Ġanni niżżel dak il-ftit inbid li kien baqagħlu u:

"Saħħa, ħbieb," għajjat, u ħareġ mill-ħanut.

"Saħħa, Ġann," għajtu dawk ix-xjuħ mifqugħin bid-daħk.

Nazju ma ħabbilx rasu għall-flus ta' l-inbid li xorob Ġanni, għax kien jaf li xi ħadd iħallas għalih.



# ŻEWĠ ILHNA

## *Ta'* Pawlu Aquilina

Mat-tokki tqal tal-qniepen imbikkija
Tinstema' l-għajta tqila ta' l-Erwieħ:
It-tokki mill-kampnari twal, ġgantija;
L-għajta miċ-ċimiteri tal-mistrieħ.

U jidwu l-qniepen, ma' kull bikja u karba
It-talb u n-niket ta' kull qalb, li bkieti
It-telfa tal-missier u l-omm, li darba
Fl-imħabba ta' ġo qalbhom nar trabbiet......

U minn ġo l-oqbra, taħt id-dell sewdieni
Tas-siġar taċ-ċipress u tal-prinjol,
Hierġa tnehida kollha dmugħ ħarkieni,
U mbikki magħha jgħanni r-rużinjol......

Fil-knisja tibki x-xemgħa fuq l-artali;
Fuq l-oqbra, jibku wkoll, hemm il-fanali!

# IL-BIDLA . . .

## *Ta'* Karmenu Mallia

Ersaqt, ersaqt, ħallejt warajja kollox,
U dort, u fuq xbihietek ħarsti tfajt.
Sthajjiltni tiela', għal-laqgħa, fuq is-Sinaj,
Ma' Dak li darba jsejjaħ lili smajt.

Bla naf, kont ġà wasalt. Sibt ruħi f'ħoġor.
Magħsur minn żewġ dirgħajn li għannqu sħiħ.
Hekk... bqajt għal disa' snin, fejn moħħi u qalbi
Imlew minn bir ir-ruħ ġid u mistrieħ.

X'ħolma bla faraġ f'din in-nagħsa twila!...
U bdejt, bħal tifel ma' xi ċint ta' sur
Imxabba, ngħajjat. Flok ix-xbieha mlaħħma,
Kont qed inbus statwa mingħajr kulur.